

## RAPPORT

### dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Awtorità

(2015/C 409/29)

#### INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", magħrufa wkoll bħala l-"ESMA"), li tinsab f'Pariġi, ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>. Il-kompitu tal-Awtorità huwa li ttejjeb l-operat tas-suq finanzjarju intern tal-UE billi tiżgura livell għoli, effikaċi u konsistenti ta' regolamentazzjoni u superviżjoni, tippromwovi l-integrità u l-istabbiltà tas-sistemi finanzjarji u ssaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali sabiex tiżgura l-istabbiltà u l-effettività tas-sistema finanzjarja<sup>(2)</sup>. L-ESMA twaqqfet fl-1 ta' Jannar 2011.

#### INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Awtorità. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

#### DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Awtorità, li jinkludu r-rapporti finanzjarji<sup>(3)</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit<sup>(4)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

#### Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Awtorità u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi<sup>(5)</sup>:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Awtorità jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni<sup>(6)</sup>; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur Eżekuttiv japprova l-kontijiet annwali tal-Awtorità wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Awtorità fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

<sup>(2)</sup> L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Awtorità. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

<sup>(3)</sup> Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(4)</sup> Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

<sup>(5)</sup> L-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

<sup>(6)</sup> Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

**Ir-responsabbiltà tal-awditur**

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill <sup>(7)</sup> b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Awtorità jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jnvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jnvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet. Fit-tħejija ta' dan ir-rapport u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti qieset ix-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Awtorità kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE <sup>(8)</sup>.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

**KUMMENTI DWAR L-AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJET**

11. L-ammont ta' tariffi ddebitati lil entitajiet sorveljati (Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu u Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet) fl-2014 (EUR 6 623 000) li jidher bħala dħul fir-rapport proviżorju tal-prestazzjoni finanzjarja kien ibbażat fuq spejjeż stmati, aktar milli fuq spejjeż reali, tal-attivitajiet superviżorji mwettqa <sup>(9)</sup>. Tariffi imposti fuq entitajiet sorveljati għandhom ikunu qrib kemm jista' jkun għall-ispiża reali mġarrba f'dan il-qasam. Sabiex tikseb dan, l-ESMA qiegħda bħalissa twettaq eżerċizzju ta' mmudellar ta' Spiża Bbażata fuq l-Attività.

**KUMMENTI DWAR IL-LEGALITÀ U R-REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJET**

12. Meta l-ESMA ġiet stabbilita fl-2010 hija wirtet għadd ta' kuntratti qafas tal-IT mill-korp predeċessur tagħha KRET (Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli) għall-ospitar taċ-ċentri tad-*data* tagħha kif ukoll l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT tagħha. In-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' dawn il-kuntratti qafas b'sejħiet għall-offerti f'waqthom wassal għal

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

<sup>(9)</sup> Il-ħtieġa li jiġu imposti tariffi bbażati fuq kostijiet (spejjeż) reali tissemma' fl-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2013 tat-12 ta' Lulju 2013 dwar Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet (ĠU L 279, 19.10.2013, p. 4) li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità.

sitwazzjoni fejn tnejn minnhom ġew estiżi lil hinn mid-durata oriġinali tagħhom. Huwa rriżulta wkoll fl-akkwist, min-naħa tal-Awtorità, ta' xi servizzi tal-IT bl-użu ta' korp ċentrali għall-akkwisti Franċiż (Union de Groupements d'achats publics – UGAP). L-Awtorità għamlet użu wkoll mill-UGAP biex tixtri għamara u kartolerija matul is-sena. It-total tal-pagamenti fl-2014 kien jammonta għal EUR 956 000. Il-Qorti infurmat lill-Awtorità li l-użu tal-UGAP ma kienx f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u minn dak iż-żmien "il hawn hija waqfet milli tagħmel dan. L-Awtorità issa ssostitwiet ukoll il-kuntratti qafas kollha tal-IT tal-KRET b" qafas tagħha stess.

#### **KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA**

13. Ir-rata totali ta' kanċellazzjoni għall-approprjazzjonijiet riportati mill-2013 kienet għolja flivell ta' 19 %, jiġifieri EUR 940 054. Din tirriżulta prinċipalment minn dewmien min-naħa tal-kuntratturi fit-twassil ta' servizzi mitluba, iżda wkoll mix-xiri kkanċellat ta' liċenzji għal proġett ikkanċellat, minn diffikultajiet misjuba fl-implimentazzjoni ta' kuntratt għal persunal interim u mit-twetiq tal-bidla mill-kuntratt qafas preċedenti ta' konsulenza tal-IT, għal dak ġdid.

14. Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati żdied minn 93 % fl-2013 għal 99 % fl-2014, li jindika li l-impenji saru b'mod aktar f'waqtu. Madankollu, il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għall-2015 kien għoli għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) f'ammont ta' EUR 4 063 580, jiġifieri 45 % (2013: EUR 3 688 487, jiġifieri 58 %). Minn dan l-ammont, bejn wieħed u ieħor EUR 2 miljun huma relatati mal-IT u ma' servizzi oħra pprovduti fl-2014 li ma kinux tħallsu mill-Awtorità sa tmiem is-sena. Kuntratti b'valur ta' EUR 1,3 miljun oħra kienu ġew ikkuntrattati lejn tmiem is-sena, u s-servizzi relatati kienu mistennija li jitwasslu fl-2015. L-ammont ta' riporti li jifdal huwa spjegat min-natura pluriennali tal-kuntratti ffirmati.

#### **SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SNIN PREĊEDENTI**

15. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-*Anness I*.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2015.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

---

## ANNEX I

## Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/Pendenti/M/A)
2011	Il-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2011 ammonta għal EUR 16,9 miljun. Skont l-Artikolu 62(1) tar-Regolament Fundatur tagħha, 60 % tal-baġit 2011 kien iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u l-pajjiżi tal-EFTA u 40 % mill-baġit tal-Unjoni. Fi tmiem l-2011, l-ESMA rreġistrat riżultat pożittiv fil-baġit ta' EUR 4,3 miljun. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha, l-ammont sħiħ imbagħad ġie rreġistrat fil-kontijiet bħala passiv (obbligazzjoni) lejn il-Kummissjoni Ewropea.	riżultat negattiv tal-baġit ġie rrap-purtat fl-2014
2011	Ġew innutati dgħufijiet fir-rigward ta' sitt impenji legali magħmula qabel l-impenji baġitarji (EUR 483 845).	Għadha għaddejja <sup>(1)</sup>
2011	Il-Qorti identifikat għadd ta' każijiet b'valur totali ta' EUR 207 442 li fihom l-approprijazzjonijiet ta' pagament riportati għall-2012 ma kinux jikkorrispondu għall-impenji legali li kienu saru. Għaldaqstant dawn ir-riporti kienu irregolari u għandhom jiġu kkanċellati.	Ikkompletata
2012	Matul it-tieni sena ta' attività tagħha, l-Awtorità ħadet pass importanti bl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti bażi għall-istandards kollha ta' kontroll intern. Madankollu, għadha ma nkisbitx implimentazzjoni sħiħa tal-istandards.	Għadha għaddejja
2012	Hemm lok konsiderevoli għal titjib fil-puntwalità u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist.	Għadha għaddejja
2012	Fl-2012, l-Awtorità għamlet 22 trasferiment tal-baġit li jammontaw għal EUR 3,2 miljun (16 % tat-total tal-baġit 2012), li jindika dgħufijiet fl-ippjanar tal-baġit.	Ikkompletata
2013	Il-livell kumplessiv ta' approprijazzjonijiet impenjati żdied minn 86 % fl-2012 għal 93 % fl-2013, li jindika li l-impenji saru fuq bażi aktar f'waqtha. Madankollu, il-livell ta' approprijazzjonijiet impenjati riportati għall-2014 kien għoli għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) f'ammont ta' EUR 3 688 487 (58 %). Dan kien ikkawżat minn servizzi tal-IT riċevuti fl-2013 iżda li għadhom ma tħallsux (EUR 0,8 miljun), servizzi tal-IT ippjanati fil-programm ta' ħidma 2014 u kkuntrattati fi tmiem is-sena (EUR 1,1 miljun), xi dewmin fl-akkwisti tal-IT (EUR 0,4 miljun) kif ukoll in-natura pluriennali ta' xi proġetti tal-IT.	M/A
2013	Fl-2013, l-Awtorità għamlet 12-il trasferiment tal-baġit li jammontaw għal EUR 5,1 miljun jew għal 18 % tal-baġit (2012: 22 trasferiment li jammontaw għal EUR 3,2 miljun jew għal 16 % tal-baġit), li jindika dgħufijiet kontinwi fl-ippjanar tal-baġit.	Ikkompletata

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti/M/A)
2013	Madwar 27 % tal-pagamenti li saru fl-2013 għal oġġetti u servizzi riċevuti kienu tard. Fejn il-pagamenti kienu tard, huma kienu skadew b'medja ta' 32 jum. L-imgħax imħallas fl-2013 fuq pagamenti li saru tard kien jammonta għal EUR 3 834.	Għadha għaddejja
2013	Skont il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> u d-Direttiva tal-VAT tal-UE <sup>(3)</sup> , l-Awtorità hija eżenti minn taxxi indiretti. Il-VAT totali ddebitata lill-ESMA fil-perjodu 2011-2013 kienet ta' EUR 3,3 miljun. Wara diskussjonijiet fit-tul mal-Istat Membru ospitanti, l-Awtorità bdiet tikklejmja rimborżi tal-VAT fl-aħħar tliet xhur tal-2012, iżda EUR 1,3 miljun biss kienu ġew ikklejmjati lura sa tmiem l-2013.	Ikkompletata

<sup>(1)</sup> Fl-2014 kien hemm 15-il impenn li saru *a posteriori* għal valur totali ta' EUR 572 167,95, flimkien ma' 4 żidiet fl-impenji li saru *a posteriori* għal valur totali ta' EUR 1 391,72.

<sup>(2)</sup> Il-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 115, 9.5.2008, p. 266).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

## ANNEX II

**L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (Pariġi)****Kompetenzi u Attivitàjiet**

<p><b>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</b></p> <p>(L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern.</p>
<p><b>Kompetenzi tal-Awtorità</b></p> <p>(Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji.</li> <li>— Li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni.</li> <li>— Li tohróg linji gwida u rakkomandazzjonijiet.</li> <li>— Li tohróg rakkomandazzjonijiet fejn awtorità kompetenti nazzjonali ma tkunx applikat atti settorjali jew tkun applikathom b'mod li jidher li jkun ksur tal-liġi tal-Unjoni.</li> <li>— Li tieħu deċiżjonijiet individwali indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti f'ċerti sitwazzjonijiet ta' emerġenza u friżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet transkonfinali.</li> <li>— F'każijiet li jirrigwardaw il-liġi tal-Unjoni applikabbli direttament, li tieħu deċiżjonijiet individwali indirizzati lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, fejn: (i) awtorità kompetenti nazzjonali ma tkunx applikat atti settorjali jew tkun applikathom b'mod li jidher li jkun ksur tal-liġi tal-Unjoni u fejn l-awtorità kompetenti nazzjonali ma tkunx ikkonformat ma' opinjoni formali tal-Kummissjoni; (ii) f'ċerti sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mad-deċiżjoni tal-Awtorità adottata; (iii) friżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet transkonfinali fejn awtorità kompetenti nazzjonali ma tkunx ikkonformat mad-deċiżjoni tal-Awtorità.</li> <li>— Li tohróg opinjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill jew lill-Kummissjoni dwar kull kwistjoni marbuta mal-oqsma ta' kompetenza tagħha.</li> <li>— Li tiġbor l-informazzjoni meħtieġa rigward il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji sabiex twettaq il-kompiti assenjati lilha.</li> <li>— Li tiżviluppa metodoloġiji komuni għall-valutazzjoni tal-effett tal-karatteristiċi tal-prodott u tal-proċessi tad-distribuzzjoni fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u fuq il-protezzjoni tal-konsumatur.</li> <li>— Li ttiprovdi database aċċessibbli ċentralment tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji rreġistrati fil-qasam tal-kompetenza tagħha fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni settorjali.</li> <li>— Li tohróg avviżi fil-każ li attività finanzjarja toħloq theddida serja lill-għanijiet tagħha.</li> <li>— Li ttiprobixxi jew tirrestrinġi b'mod temporanju ċerti tipi ta' attivitajiet finanzjarji li jkunu ta' theddida għall-funzjonament tajjeb u għall-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew ta' parti minnha fl-Unjoni f'każijiet speċifikati u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni settorjali jew, jekk ikun meħtieġ, f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza.</li> <li>— Li tipparteċipa fl-attivitajiet tal-kulleġġi ta' superviżuri, inklużi eżamijiet fuq il-post, imwettqa konġuntament minn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar.</li> </ul>

- Li tindirizza kwalunkwe riskju ta' tħarbit fis-servizzi finanzjarji li jkun ikkawżat minn dgħufija tas-sistema finanzjarja kollha jew ta' partijiet minnha u li jkollu l-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-suq intern u għall-ekonomija reali.
- Li tfassal linji gwida u rakkomandazzjonijiet addizzjonali għall-parteċipanti ewlenin fis-swieg finanzjarji, biex jittieħed kont tar-riskju sistemiku ppreżentat minnhom.
- Li twettaq inkjesta dwar tip partikolari ta' attività finanzjarja jew tip ta' prodott jew tip ta' kondotta sabiex tevalwa theddid potenzjali għall-integrità tas-swieg finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u tagħmel rakkomandazzjonijiet adatti għal azzjoni lill-awtoritajiet kompetenti konċernati.
- Li twettaq il-kompiti u r-responsabbiltajiet delegati mill-awtoritajiet kompetenti.
- Li tipprovdi opinjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti.
- Li twettaq reviżjonijiet (evalwazzjonijiet) bejn il-pari tal-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti.
- Li tikkoordina bejn l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari fejn żvilupp avvers jista' potenzjalment jipperikola l-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieg finanzjarji jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni.
- Li tagħti bidu għal u tikkoordina valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha dwar ir-reżiljenza tal-parteċipanti fis-swieg finanzjarji għall-iżviluppi avversi tas-suq.
- Li tieħu deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u dwar l-irtirar ta' tali ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni.
- Li tistabbilixxi ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' pajjiżi terzi.
- Li twettaq investigazzjonijiet ta' u spezzjonijiet fuq il-post fil-bini tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, entitajiet gradati (klassifikati) u partijiet terzi relatati.
- Fejn aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tkun wettqet ksur, li tieħu deċiżjonijiet biex tirtira r-reġistrazzjoni tagħha, tipprojbixxiha temporanjament milli toħroġ gradazzjonijiet (klassifikazzjonijiet) tal-kreditu, tissospendi l-użu għal finijiet regolatorji tal-gradazzjonijiet tal-kreditu li tkun ħarġet, tesiġi li jintemm il-ksur, u/jew toħroġ avviżi pubbliċi.
- Fejn aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tkun wettqet ksur intenzjonalment jew bi traskuraġni, li tieħu deċiżjonijiet biex timponi multa.
- Li tawtorizza u tissorvelja repożitorji tat-tranżazzjonijiet ibbażati fl-UE u tirrikonoxxi kmamar tal-ikklerjar mhux fl-UE li jkunu jixtiequ joffru servizzi lil klijenti mill-UE.
- Li tistabbilixxi ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' derivattivi rilevanti ta' pajjiżi terzi.
- Li twettaq investigazzjonijiet ta' u spezzjonijiet fuq il-post ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet, jew ta' partijiet terzi relatati.
- Fejn repożitorju tat-tranżazzjonijiet ikun ikkommetta ksur, li tieħu azzjonijiet superviżorji.
- Fejn repożitorju tat-tranżazzjonijiet iun wettaq ksur intenzjonalment jew bi traskuraġni, li tieħu deċiżjonijiet biex timponi multa

<b>Governanza</b>	<p><b>Bord tas-Superviżuri</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>President (li ma għandux ikollu vot); il-kap tal-awtorità pubblika nazzjonali kompetenti għas-supervizzjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji f'kull Stat Membru; rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni (li ma għandux ikollu vot); rappreżentant wieħed tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (li ma għandux ikollu vot); rappreżentant wieħed ta' kull waħda miż-żewġ Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra (li ma għandux ikollhom vot).</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Jagħti gwida lix-xogħol tal-Awtorità u jkun responsabbli għat-teħid tad-deċizzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament Fundatur.</p> <p><b>Bord Maniġerjali</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>President u sitt membri oħrajn tal-Bord tas-Superviżuri, eletti mill-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri u minn fosthom stess. Id-Direttur Eżekuttiv u rappreżentant tal-Kummissjoni jipparteċipaw fil-laqgħat mingħajr id-dritt li jivvotaw (għalkemm ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jivvota dwar kwistjonijiet baġitarji).</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Jiżgura li l-Awtorità taqdi l-missjoni tagħha u twettaq il-kompiti assenjati lilha skont ir-Regolament Fundatur.</p> <p><b>President</b></p> <p>Rappreżentant tal-Awtorità responsabbli sabiex iħejji x-xogħol tal-Bord tas-Superviżuri u jmexxi l-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri u tal-Bord Maniġerjali. Jinħatar mill-Bord tas-Superviżuri wara li jkun semgħu l-Parlament Ewropew.</p> <p><b>Direttur Eżekuttiv</b></p> <p>Jinħatar mill-Bord tas-Superviżuri wara l-konferma mill-Parlament Ewropew. Ikun responsabbli mit-tmexxija tal-Awtorità u jħejji x-xogħol tal-Bord Maniġerjali.</p> <p><b>Awditu intern</b></p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p><b>Awditu estern</b></p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p><b>Awtorità ta' kwittanza</b></p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
<b>Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2014</b>	<p><b>Baġit Finali</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Baġit totali: EUR 33,24 miljun, inklużi: <ul style="list-style-type: none"> <li>— Sussidju mill-Unjoni: EUR 11,07 miljun</li> <li>— Kontribuzzjonijiet mill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti: EUR 15,55 miljun</li> <li>— Tariffi minn entitajiet sorveljati: EUR 6,62 miljun (Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu EUR 5,58 miljun; repożitorji tat-tranżazzjonijiet EUR 1,04 miljun)</li> </ul> </li> </ul> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Persunal statutorju: 133 post temporanju awtorizzati fit-tabella tal-persunal; postijiet mimlija fil-31.12.2014: 125</li> <li>— Persunal kuntrattwali: 32 membru tal-persunal kuntrattwali FTE ppjanati fil-baġit (bidu tas-sena); persunal kuntrattwali impjegat fil-31.12.2014: 27</li> <li>— Esperti Nazzjonali Sekondati: 21 Espert Nazzjonali Sekondati FTE ppjanati fil-baġit (bidu tas-sena); Esperti Nazzjonali Sekondati impjegati fil-31.12.2014: 16</li> </ul>



**Prodotti u servizzi fl-2014**

- Monitoraġġ tal-istabbiltà finanzjarja. Ħarġet diversi rapporti perjodiċi dwar riskju u sommarji dwar xejriet ta' swieq finanzjarji.
- Wettqet rċerka ekonomika u valutazzjonijiet tal-impatt imfassla apposta. Ippubblikat dokumenti ta' ħidma ekonomiċi dwar il-fondi ħeġġ u s-swieq tad-derivattivi.
- Ikkontribwixxiet għax-xogħol tal-BERS dwar ir-riskju sistemiku.
- Irrevediet l-Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-EBA-ESMA lill-Euribor-EBF.
- Wessgħet ix-xogħol dwar il-monitoraġġ tas-swieq u l-innovazzjoni finanzjarja permezz ta' qafas ta' innovazzjoni finanzjarja.
- Wettqet analiżi ta' prodotti u proċessi finanzjarji innovattivi.
- Immonitorjat u analizzat xejriet tal-investituri fil-livell tal-konsum u ħarġet prattiki tajba għal governanza tal-prodotti għall-konsumatur strutturati.
- Appellat għal approċċ komuni madwar l-UE kollha fir-rigward tal-finanzjament kollettiv.
- Ħadmet fuq l-edukazzjoni tal-investitur, inkluża kooperazzjoni man-Netzwerk Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni tal-Investitur, tal-OECD.
- Tat pariri dwar is-sistema msaħħa ta' protezzjoni tal-investitur taħt il-MiFID II/ MiFIR. Ħejjiet għal xogħol futur ta' protezzjoni tal-investitur.
- Ipprovdiet regoli ta' implimentazzjoni għall-MiFID II dwar kwistjonijiet tas-swieq sekondarji.
- Ħarġet twissijiet madwar l-UE kollha għall-investituri u prattiki tajba għal governanza tal-prodotti għall-konsumatur strukturati.
- Ħarġet linji gwida dwar il-konformità għal-Linji Gwida dwar il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni (MiFID).
- Abbozzat Standards Tekniċi ta' Implimentazzjoni dwar indiċijiet prinċipali u kambji rikonoxxuti taħt ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital.
- Saħħet is-superviżjoni tagħha tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (CRA).
- Ħarġet sejħa għal evidenza dwar l-Għażla u l-Kunflitti ta' Interess fl-industrija tas-CRA.
- Ivvalutat il-konformità tas-CRA mar-rekwiżiti l-ġodda li jiffukaw fuq l-aspetti ta' divulgazzjoni ta' klassifikazzjoni sovrana, politiki ta' pprezzar, u proċeduri.
- Ivvalutat l-applikazzjonijiet ta' kontropartijiet ċentrali (CCPs) stabbiliti f'pajjiżi mhux taż-ŻEE.
- Issorveljat repożitorji tat-tranżazzjonijiet ibbażati fl-UE u ħadmet fuq kwistjonijiet/ ekwivalenza ta' pajjiżi terzi.
- Ħejjiet Standards Tekniċi taħt ir-Regolament tas-CSD.
- Ħarġet linji gwida dwar l-aċċess għal CCP jew għal Ċentru tan-Negożjar minn CSD.
- Ħejjiet l-obbligu tal-ikklerjar tal-EMIR.
- Ħarġet 11-il mistoqsja u tweġiba dwar l-EMIR fejn spjegat aktar l-implimentazzjoni prattika.
- Iddefinixxiet prodotti, kontropartijiet u dati ta' bidja għall-ikklerjar ta' swaps tar-rati tal-imgħax.

- 
- Ħarġet linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Prinċipji tas-CPSS-IOSCO għall-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji fir-rigward ta' Kontropartijiet Ċentrali.
  - Tat parir dwar l-ekwivalenza tal-Ġappun għas-CCP II – CCPs tal-Komoditajiet.
  - Iddiskutiet Klassijiet ta' ishma tal-UCITS.
  - Ħarġet linji gwida dwar is-segregazzjoni tal-assi taħt l-AIFMD.
  - Tat parir lill-Kummissjoni Ewropea dwar atti delegati meħtieġa mid-Direttiva UCITS V.
  - Ipprovdiet Dokument bl-Infommazzjoni Ewlenija għal Prodotti Aggregati ta' Investiment għall-Konsumaturi bbażat fuq l-Assigurazzjoni (PRIIPs).
  - Tat konsulenza dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-EuSEF u l-EuVECA.
  - Tat konsulenza dwar id-divulgazzjonijiet ta' azzjonisti kbar.
  - Abbozzat Standards Tekniċi Regolarji dwar azzjonijiet (shareholdings) kbar u lista indikattiva ta' strumenti finanzjarji li huma suġġetti għal rekwiżiti ta' notifika taħt id-Direttiva dwar it-Trasparenza, irrevoluta.
  - Abbozzat Standards Tekniċi Regolarji dwar Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew (EEAP).
  - Wieġbet għal konsultazzjoni pubblika dwar ir-Regolament tal-IAS.
  - Ipprovdiet Linji Gwida dwar l-infurzar ta' informazzjoni finanzjarja.
  - Ħarġet Linji Gwida dwar Miżuri ta' Prestazzjoni Alternattivi.
  - Ikkontribwixxiet lejn l-iżvilupp tal-IFRS fil-forums internazzjonali bħalma huwa l-IASB.
  - Irrevediet prattiki superviżorji fir-rigward ta' informazzjoni għall-investitur fil-MiFID.
  - Irrevediet ir-regoli tal-Kondotta tal-Operazzjonijiet dwar informazzjoni ġusta, ċara u mhux qarrieqa, li hemm fil-MiFID.
- 

Sors: Anness ipprovdut mill-Awtorità.

---

**IR-RISPOSTA TAL-AWTORITÀ**

11. Kif indikat fil-kumment, fl-2014 l-ESMA żviluppat mudell ta' Iffissar ta' Prezzijiet skont l-Attività biex tippermetti segwitu preċiż tal-infiq tal-attivitàjiet ta' superviżjoni tagħha. L-ESMA se tapplika dan il-mudell fl-2015. Għaldaqstant, minn din is-sena d-dħul miġbur mit-tariffi li l-entitajiet taħt superviżjoni jintalbu jħallsu se jiġi ddefinit abbażi tal-ispiża attwali, minflok dak stmat, tal-attivitàjiet ta' superviżjoni.
  12. L-ESMA tikkonferma l-għeluq tal-kuntratti kollha li joħorġu minn KRET (l-aħħar kuntratt ingħalaq fl-20 ta' Awwissu 2014) u li hi ma għadhiex tuża UGAP kemm għax-xiri tas-servizzi kif ukoll għax-xiri tal-forniment.
  13. L-ESMA hija konxja mir-rata għolja ta' kanċellazzjoni riportata mill-2013. Sabiex tillimita r-riskju ta' kanċellazzjonijiet, fl-2014 il-proċess tal-aħħar tas-sena ġie rivedut permezz tal-għoti ta' istruzzjonijiet fil-ħin u preċiżi u l-organizzazzjoni ta' laqgħat interni mal-atturi finanzjarji tal-ESMA.
  14. Fir-rigward tal-livell għoli ta' riporti fit-Titolu III, ittiegħdet nota tal-kumment tal-Qorti u l-ispjegazzjoni marbuta man-natura pluriennali tal-proġetti tal-IT b'mandat legali hija kkonfermata.
-